# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Kawża Numru 24**

**Appell Numru 1136/15 SM**

**Robert Hornyold Strickland**

**v.**

**Allied Newspapers Limited u The Strickland Foundation**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur Robert Hornyold-Strickland minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, (i) ċaħdet it-talba tiegħu biex jitħalla jressaq xi dokumenti minħabba li qalet li huma milquta bis-sigriet professjonali, filwaqt li (ii) laqgħet it-talba tiegħu biex jitressqu dokumenti li jinsabu fil-fond, kemm-il darba jkunu rilevanti għall-każ, b'riżerva dwar il-kap tal-ispejjeż għall-istadju finali tal-każ;

2. It-talbiet fuq imsemmija kienu saru mill-istess appellant b'rikors li huwa ressaq fit-28 ta' Frar, 2017[1], fil-kors ta' kawża li huwa fetaħ kontra l-kumpannija u kontra l-Fondazzjoni appellati fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Diċembru, 2015, li biha huwa talab li l-Ewwel Qorti ssib li ma kinitx tiswa u hija bla effett ir-reġistrazzjoni f'isem il-Fondazzjoni appellata ta' ħames mija u wieħed u tmenin (581) sehem ordinarju fil-kumpannija appellata billi dik ir-reġistrazzjoni saret f'ammont ta' ishma akbar minn dak li l-Fondazzjoni kienet tħalliet fil-legat relattiv, u bla ma sar id-dokument relattiv li jqigħed lill-istess Fondazzjoni fil-pussess ta' dak il-legat, u billi r-reġistrazzjoni saret fl-interess ta' persuna li skond il-Memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpannija appellata ma setgħetx tkun reġistrata bħala membru jew azzjonist tagħha; u talab ukoll li r-reġistrazzjoni fuq imsemmija ta' ħames mija u wieħed u tmenin (581) sehem ordinarju titħassar mir-reġistru tal-membri tal-kumpannija appellata;

3. Il-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti u li minnu l-attur ressaq dan l-appell kien jgħid:

> "*6.0. Illi permezz tar-rikors fuq riferit ir-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:*
> *"6.1. Illi bħala eredi ta' Mabel Strickland ir-rikorrenti huwa proprjetarju tal-inkarament tal-istess, għalkemm dawn huma miżmuma fl-uffiċċju ta' xhud prodott fil-proċedura odjerna;*
> *"6.2. Illi għalhekk dan l-inkartament hu produċibbli fuq talba ta' sid l-istess inkartament;*
> *"6.3. Illi hemm ukoll inkartament proprjetà tar-rikorrenti fil-villa jew fil-garaxx adjaċenti bħalissa proprjetà tal-fondazzjoni, liema inkartament hu wkoll proprjetà tar-rikorrenti;*

[1] Paġġ. 223 – 4 tal-proċess

*“6.4. Illi di piu’ hemm ukoll dokumenti rigwardanti l-esekutorija proprjetà tar-rikorrenti li mhumiex koperti bil-privileġġ professjonali;*
*“6.5. Illi konsegwentement talab:*
*“6.5.1. Illi d-dokumenti in diżamina jiġu prodotti fil-qorti; u*
*“6.5.2. Illi dan isir taħt il-provedimenti li din il-Qorti jogħġobha timponi;*

*“7.0. Illi l-fondazzjoni intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:*
*“7.1. Illi preliminarjament id-dokumenti li jistgħu jitressqu fil-proċedura in diżamina jridu jkunu rilevanti għall-vertenza in diżamina, senjatament fir-rigward ta’ legat ta’ ishma fis-soċjetà Allied Newspapers Limited;*
*“7.2. Illi għandha tiġi evitata ‘spedizzjoni tas-sajd’;*
*“7.3. Illi s-sigriet professjonali hu kruċjali għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja;*
*"7.4. Illi d-dokumenti tal-klijenti f’idejn l-avukat tagħhom, mhumiex tal-klijenti;*
*“7.5. Illi l-avukat Mario de Marco mhux l-eredi tal-Professur Guido de Marco;*
*“7.6. Illi għalhekk l-inkartament legali ta’ Mabel Strickland fil-pussess tal-imsemmi Professur de Marco m’għaddewx għand l-avukat de Marco mal-mewt tal-imsemmi Professur;*
*“7.7. Illi la l-avukat de Marco, u lanqas l-avukat Max Ganado ma kienu eżekuturi testamentarji ta’ Mabel Strickland;*
*“7.8. Illi l-eżekutur testamenarju tal-Professur Joseph M. Ganado ġià ippreżenta rendikont tal-amministrazzjoni tal-eżekutorija quddiem il-Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Volontarja, u kopja tagħha ġiet ippreżentata fi proċedura oħra rilevanti;*
*“7.9. Illi l-villa in diżamina mhix proprjetà tar-rikorrenti;*
*“7.10. Illi hu paċifiku li d-dokumenti fil-villa mhumiex koperti bis-sigriet professjonali;*
*“7.11. Illi l-istess talba ġià ġiet respinta permezz ta’ digriet datat it-12 ta’ Ġunju, 2015, (ara foll 230 u 236);*

*“Ikkunsidrat:*

*“8. Illi l-vertenza vera u proprja hawn in diżamina tirrigwarda l-limitu tal-privileġġ tad-dokumenti u tas-sigriet professjonali li jinkombi fuq il-professjoni legali;*

*“Ikkunsidrat:*

*“9. Illi f’dan ir-rigward issir referenza għall-artiklu 637 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jistpula s-segwenti:*

*“(1) Tista’ tintalab l-esebizzjoni ta’ dokumenti li jkunu fil-pussess ta’ ħaddieħor:*
*“(a) jekk id-dokumenti jkunu proprjetà tal-parti li titlob l-esibizzjoni tagħhom;*
*“(b) jekk id-dokumenti jkunu sew tal-parti li titlob l-esibizzjoni tagħhom kemm tal-parti li kontra tagħha jintabu;*

*“(ċ) jekk il-parti li titlob l-esibizzjoni tad-dokumenti, għalkemm id-dokumenti ma jkunux tagħha jew ma jkollhiex sehem fihom, turi li għandha interess li jinġiebu mill-parti l-oħra fil-kawża;*
*“(d) jekk il-pussessur tad-dokumenti, illi ma jkunx wieħed mill-partijiet fil-kawża, ma jaħlifx li, bla ħsieb li jgħin lill-parti l-waħda jew l-oħra, għandu raġunijiet speċjali tiegħu biex ma jġibx id-dokumenti;*
*“(e) jekk id-dokumenti jkunu atti pubbliċi, jew atti maħsubin biex jagħmlu prova fl-interess tal-pubbliku in ġenerali;*

*“(2) Il-qorti tista’ tordna li tinġieb biss dik il-parti ta’ kotba jew dokumenti oħra li jkollha x’taqsam mal-kwistjoni fil-kawża”;*

*“Ikkunsidrat:*

*“10. Illi fir-rgward tal-privileġġ professjonali in diżamina l-artiklu 588 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jistabilixxi s-segwenti:*

*“(1) L-avukat u l-prokuratur legali ma jistgħux, mingħjr il-kunsens tal-klijent, u s-saċerdot mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun għamlet il-qrara, jiġu mistoqsija fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mill-klijenti għall-finijiet tal-kawża, u s-saċerdot billi jkun ġjà (recte: ġie) jafhom taħt is-sigriet tal-qrar jew bħala qrar”;*

*“Ikkunsidrat:*

*“11. Illi ovvjament għandu jkun paċifiku li l-importanza li jiġi rispettat u protett is-sigriet professjonali ma jistax jiġi emfasiżżat biżżejjed;*

*“12. Illi l-effett nefast ta’ nuqqas f’dan ir-rigward ikun ta’ ħsara irreparabbli inġenti għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja;*

*“13. Illi f’dan ir-rigward għalhekk dak li verament qiegħed jiġi tutelat mhix biss jirrigwarda l-operat tal-avukat involut iżda l-operat tal-istess avukat li jinteraġixxi miegħu fl-akbar libertà taċ-ċertezza li dak li ser jingħad u jinġieb f’idejn l-avukat tiegħu ser jinżamm sigriet fl-istess interess tad-drittijiet tal-klijent involut;*

*“14. Illi għalhekk l-istess liġi fuq riferita li tittutela din l-interazzjoni professjonali in diżamina tista’ tinħall biss mill-klijent innifsu – u liema rabta ma tistax tinħall minn ħaddieħor, (ara artiklu 588(1) tal-Kap 12 fuq riferit);*

*“15. Illi di piu’, r-regolament numru 3 tal-Kap VI tal-Kodiċi tal-Etika u Mġieba għall-Avukati jistipula li r-rabta t’avukat lejn il-klijent tiegħu hi waħda mis-sisien tal-imġieba xierqa, meħtieġa u mistennija mill-professjoni in diżamina;*

*“16. Illi għalhekk hu wkoll ribadit li r-rabta in diżamina tista’ tinħall biss mill-klijent involut meta jagħżel li jirrinunzja gġall-istess;*

*“Ikkunsidrat:*

*“17. Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li d-dritt riferit fl-artiklu 588 tal-Kap 12 fuq riprodott hu wieħed intiż għall-protezzjoni tal-klijent tal-avukat involut biex jiġi hekk assigurat lilu d-dritt tal-aħjar difiża tal-għażla tiegħu;*

*“18. Illi di piu’, jirriżulta assodat ukoll li tali dritt ma jintilifx bil-mewt tal-klijent involut;*

*“Ikkunsidrat:*

*“19.0. Illi in vista tas-suespost jingħad sintetikament is-segwenti:*

***“A. Rigward id-Dokumenti fil-Pussess tal-Avukati:***

*“19.1. Dawn id-dokumenti huma koperti mis-sigriet professjonali;*

***“B. Rigward id-Dokumenti fil-Pussess tal-Avukati fil-Kwalità tagħhom ta’ Esekuturi Testamentari ta’ Mabel Strickland:***

*“19.2. Illi jirriżulta li l-Professur Joseph M. Ganado kien koadjuvat minn ibnu l-avukat Max Ganado waqt li tal-ewwel kien qed jeżegwixxi d-doveri tiegħu ta’ esekutur testamentarju fil-kapaċità ta’ avukat;*
*“19.3. Illi konsegwentement, il-protezzjoni statutorjament naxxenti fir-rigward tistraripa anke fuq l-imsemmi avukat Max Ganado, li allura hu wkoll marbut bis-sigriet professjonali kif fuq indikat u dan, għal dak li għandu x’jaqsam l-esekutorija in diżamina;*
*“19.4. Illi fir-rigward tal-avukat Mario de Marco jingħad sintetikament is-segwenti:*
*“19.4.1. Illi fil-limiti tal-vertenza in diżamina u tal-provi s’issa prodotti in atti ma tistax issir l-assunzjoni li hu l-eredi tal-Professur de Marco għar-rigward tad-dokumentazzjoni rikjesta mir-rikorrenti odjern;*
*“19.4.2. Illi għalhekk, f’dan ir-rigward, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta;*

***“Ċ. Rigward id-Dokumenti li Jinsabu fil-Villa in mertu u fil-Garaxx adjaċenti**;*

*“19.5. Illi ma jirriżultawx li dawn id-dokumenti ġew skambjati minn Mabel Strickland u l-avukati ta’ fiduċja tagħha;*
*“19.6. Illi konsegwentement, dawn id-dokumenti ma jirriżultawx li huma koperti bis-sigriet professjonali in diżamina;*
*“19.7. Illi konsegwentement, dawn id-dokumenti għandhom jitħallew jintalbu u jiġu esebiti, kemm-il darba huma ta’ rilevanza għall-vertenza in diżamina;*

***“Decide:***

*“20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti:*
*“20.1. Tirrespinġi t-talba tar-rikorrenti għall-produzzjoni ta’ dokumenti għar-rigward tal-avukati in diżamina stante li d-dritt professjonali in diżamina ma jistax hekk jiġi stultifikat;*

*"20.2. Takkolji t-talba tar-rikorrenti għall-produzzjoni tad-dokumenti preżentement allokati fil-villa u fil-garaxx de quo, kemm-il darba dawn ikunu rilevanti għall-vertenza in diżamina.*
*"20.3. Tirriżerva l-ispejjeż fir-rigward għall-istadju finali ta' din il-vertenza*".

4. L-għada li ngħata l-imsemmi provvediment, l-attur ressaq rikors[2] biex jitlob lill-ewwel Qorti tagħtih permess iressaq appell minnu, liema talba l-ewwel Qorti laqgħet b'degriet mogħti minnha kameralment fis-26 ta' Ġunju, 2017, u meqjus li nqara minnha waqt is-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2017;

5. Bir-Rikors tal-Appell tiegħu tat-3 ta' Lulju, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur appellant talab li din il-Qorti tirriforma l-imsemmi provvediment billi (i) tikkonfermah safejn laqa' t-talba tiegħu biex jitressqu d-dokumenti li bħalissa jinsabu fil-villa u fil-garaxx *de quo*, u safejn dawn jistgħu jkunu rilevanti għall-vertenza tal-kawża u safejn irriżerva l-kwestjoni tal-ispejjeż marbuta mal-istess episodju; u (ii) tħassru safejn ċaħadlu t-talba tiegħu biex jitressqu d-dokumenti dwar l-avukati involuti stante li d-dritt professjonali in diżamina ma jistax b'hekk jinġab fix-xejn, u għalhekk tiddeċiedi li ma hemm l-ebda sigriet professjonali fl-imsemmija dokumenti, jew, li jekk tassew tali dokumenti huma mħarsa b'tali sigriet, din il-Qorti ssib li li tali sigriet jista' jinħall mill-istess appellant bħala werriet ta' Mabel Strickland u għalhekk tordna li x-xhieda mħarrka minnu jressqu l-imsemmija dokumenti;

6. Il-Fondazzjoni laqgħet għall-imsemmi appell b'Risposta mressqa minnha fil-31 ta' Lulju, 2017, u li biha, fl-ewwel lok, qalet li l-appell ma jiswiex u sar bi ksur tal-liġi li tgħid li appell minn degriet dwar jekk għandhomx jitħallew

[2] Paġ. 247 tal-proċess

jitressqu dokumenti jista' jsir biss wara l-għoti tas-sentenza finali flimkien ma' appell minn dik is-sentenza. Bla ħsara għal dan u fit-tieni lok, il-Fondazzjoni tgħid li l-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti kien wieħed tajjeb u l-appell imressaq minnu ma jmissux jintlaqa';

7. Il-kumpannija intimata Allied Newspapers Limited ma ressqet l-ebda Tweġiba għall-appell tal-attur;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

9. Rat l-atti kollha tar-Rikors;

10. Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

11. Qabel xejn, il-Qorti trid tqis il-preġudizzjali mqajma mill-Fondazzjoni appellata dwar is-siwi tal-appell. Hija tgħid li l-appell tallum ma jiswiex għaliex il-liġi ma tagħtix li jitressaq appell minn degriet dwar il-produzzjoni ta' dokumenti jekk mhux wara li tingħata s-sentenza finali u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza[3]. Tgħid li kliem il-liġi ma jħallix dubju dwar in-nuqqas ta' siwi ta' appell bħal dak tal-attur, u żżid tgħid li ma kellhiex l-opportunità li tqajjem din il-kwestjoni qabel minħabba li l-ewwel Qorti laqgħet kameralment it-talba tal-appellant biex tħallih jappella mill-provvediment bla ma tatha l-

[3]Art. 229(1)(f) tal-Kap 12

opportunità li tressaq risposta għar-rikors tiegħu li bih talab li jitħalla jappella mid-degriet;

12. Il-Qorti tqis li, fiċ-ċirkostanzi, din is-sottomissjoni tal-Fondazzjoni appellata ma hijiex tajba, għalkemmm tagħraf x'tgħid il-liġi dwar appelli minn xi għamliet ta' degrieti interlokutorji. Fl-ewwel lok, l-appell tressaq għaliex l-ewwel Qorti laqgħet it-talba biex dan isir u għalhekk ma jistax jingħad li l-appell imressaq mill-attur huwa u la wieħed irritu u lanqas null. F'ċirkostanzi bħal dawn, ingħad li huwa paċifiku li f'materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax il-mod kif Qorti tal-ewwel grad tmexxi l-kawżi li jkollha quddiemha jekk ma jkunx hemm tabilħaqq raġunijiet serji biex tagħmel dan: għaliex "mill-provvediment tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anke jekk mhux forsi, assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad, '*din il-fakoltà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakoltà imbagħad tiddependi mill-ġudikant, u tista' toxxilla skond il-personalità ġuridika li jippossjedi l-ġudikant*'"[4]. Fit-tieni lok, irid jingħad li l-kwestjoni mqajma quddiem l-ewwel Qorti u li minnha ħareġ il-provvediment appellat – jiġifieri l-kwestjoni dwar x'jaqa' taħt il-firxa tas-sigriet professjonali – ma kinitx waħda li għaliha jgħoddu d-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imma dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu;

[4] App. Ċiv. Inf. PS **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Korporazzjoni Telemalta vs Diane Ħili et***

13. Illi, fil-mertu, l-appell tal-attur jirrigwarda ċ-ċaħda tat-tressiq ta' xhieda u dokumenti li jinsabu f'idejn l-avukati tal-Fondazzjoni jew dawk li kienu f'idejn l-eżekuturi testamentarji tal-wirt ta' Mabel Strickland. L-aggravji tal-appellant kollha jduru mat-tifsira li tat l-ewwel Qorti tal-applikabilità tas-sigriet professjonali u kif dan jolqot xhieda u provi dokumentali li jistgħu jintalbu waqt is-smigħ ta' kawża. Filwaqt li l-appellant jaqbel li wieħed għandu jaċċetta s-siwi u l-ħtieġa tas-sigriet professjonali għat-tmexxija kif imiss tal-proċess ġudizzjarju, huwa jgħid li l-ewwel Qorti ma ħaddmitx b'mod xieraq ir-regoli marbuta ma' dak is-sigriet u ma qisitx ukoll li hemm ċirkostanzi ta' rinunzja tar-rabta maħluqa b'dak is-sigriet. Huwa jgħid li, bħalma s-sigriet professjonali jaf ikun ta' ġid għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, hekk ukoll it-tħaddim mhux sewwa tiegħu jaf jissarraf fi xkiel għat-twettiq tal-ġustizzja, fi xkiel biex tinstab il-verità u fiċ-ċaħda tal-ħarsien ta' smigħ xieraq lil dik il-parti f'kawża li tkun qiegħda tfittex li magħha ssir ġustizzja;

14. B'mod konkret, l-appellant jgħid li l-karti u d-dokumenti li jkunu jappartjenu lil parti f'kawża, ma jistgħux ikunu koperti bis-sigriet professjonali u hu jkollu jedd jitlob li jinġabu dawk id-dokumenti għax fihom is-sigriet professjonali ma jidħol xejn. Huwa jgħid li, bħala werriet universali waħdien ta' Mabel Strickland, id-dokumenti u l-karti tagħha saru tiegħu u jista' u għandu jedd jitlob li jingħatawlu x'ħin irid u jressaqhom quddiem kull qorti, sakemm ikunu rilevanti għall-każ. Min ikollu dawk il-karti jew dokumenti f'idejh, ma jistax iġiblu fix-xejn il-jedd tiegħu ta' proprjetà fuqhom billi jinvoka s-sigriet professjonali. It-tieni argument tal-appellant u li jsegwi mill-argument ta' qablu

huwa fis-sens li, ladarba s-sigriet professjonali huwa fl-interess ta' min ikun fdah f'avukat, ma jistax ikun li l-istess avukat jinqeda b'dak is-sigriet biex iċaħħad tagħrif lil min ikun daħal minflok dik il-persuna li favuriha kien inħalaq. Huwa jgħid li, ladarba s-sigriet professjonali kien fl-interess ta' Mabel Strickland, issa li wiritha b'mod universali, dak l-istess sigriet kien għadda fl-interess tiegħu u jista' jirrinunzja għalih bħalma setgħet irrinunzjat għalih l-awtriċi tiegħu;

15. Għal dawn l-aggravji tal-appellant, il-Fondazzjoni appellata tirribatti billi tgħid li l-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti kien wieħed korrett u dan billi dik il-Qorti tat tifsira tajba ta' x'jaqa' taħt is-sigriet professjonali u ħaddmet sewwa r-regoli li jħarsuh. L-appellata ma taqbilx mal-appellant li kull dokument li jinsab fil-villa sar tiegħu bħala werriet ta' Mabel Strickland, u dan għaliex il-villa u kulma kien fiha (għajr għad-dehbijiet, fided u ħwejjeġ prezzjużi, flus kontanti, kotba tal-bank, kotba illegati u dokumenti oħrajn ta' titoli ta' flus jew *stocks*) tħallew lill-Fondazzjoni. Iżżid tgħid li lanqas ma saru tiegħu dokumenti legali li l-avukati ta' zitu bagħtu u indirizzaw lil terzi. B'mod partikolari, il-Fondazzjoni appellata twarrab l-argument tal-appellant li s-sigriet professjonali favur klijent jaf jintiret mill-werrieta ta' dak il-klijent: hija tgħid li kieku kellu jkun hekk, dan ikollu l-effett li jnaffar lill-klijent milli jserraħ moħħu li dak li se jafda mal-avukat tiegħu mhux se jkun magħruf minn ħadd aktar. Tqabbel dak is-sigriet mas-sigriet tal-Qrar u tgħid li dak li jgħodd għas-sigriet tal-Qrar irid neċessarjament jgħodd għas-sigriet professjonali tal-avukat

għaliex il-leġislatur qegħedhom it-tnejn fl-istess dispożizzjoni tal-liġi u tefagħhom fl-istess keffa;

16. Din il-Qorti tibda biex tgħid li, safejn jirrigwarda d-dokumenti mitluba mill-appellant u li jistgħu jinstabu fil-villa jew fil-garaxx fil-qrib, ma sar l-ebda appell mill-ebda parti fil-kawża dwar dik il-parti tal-provvediment appellat li jipprovdi dwar il-produzzjoni bi prova ta' dawk id-dokumenti. Għalhekk, l-argument imressaq mill-Fondazzjoni appellata dwar min jista' jkun sid dawk id-dokumenti mhijiex rilevanti għall-appell li din il-Qorti għandha quddiemha. Il-liġi ma tgħidx li biex parti f'kawża titlob lil parti oħra tressaq bi prova xi dokument, il-parti li titolbu trid tkun sidt dak id-dokument[5]. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-provvediment tal-ewwel Qort dwar dik il-kategorija ta' dokumenti u l-kundizzjoni imposta minnha dwar ir-rilevanza tagħhom fih xi tmaqdar. Lanqas ma jinvolvi l-kwestjoni tas-sigriet professjonali tal-avukat;

17. Għal dak li jirrigwarda l-qofol tal-appell, din il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq. Dwar is-sigriet professjonali ta' avukat, il-liġi trid li "*L-avukat u l-prokuratur legali ma jistgħux, mingħajr il-kunsens tal-klijent, .... jiġu mistoqsija fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mill-klijent għall-finijiet tal-kawża...*"[6]. Huwa meqjus li dak li jgħodd għall-għoti ta' xhieda jgħodd ukoll għat-tressiq ta' provi dokumentali li jistgħu jkunu fil-pussess ta' avukat minħabba r-rabta professjonali tiegħu mal-klijent. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu

[5] Ara art. 637(1)(ċ) tal-Kap 12

[6] Art. 588(1) tal-Kap 12 (il-partijiet imħollija barra jirreferu għas-saċerdot u dak li jkun sar jaf waqt il-qrar)

588 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jorbtu wkoll fil-każ ta' kxif permess minn liġijiet speċjali dwar is-Segretezza Professjonali[7], liema liġijiet jgħoddu wkoll għall-professjoni ta' avukat[8];

18. Iż-żewġ partijiet fil-kawża jaqblu dwar is-siwi ta' dan il-privileġġ għal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni xierqa tal-proċess ġudizzjarju. L-ewwel Qorti wkoll qieset dan fil-provvediment appellat. Wara kollox, il-kwestjoni tar-rabta ta' avukat lejn il-klijent tiegħu hija waħda mis-sisien ta' mġiba xierqa u meħtieġa mistennija mill-professjoni legali mhux biss dwar ir-rabta tas-sigriet professjonali, iżda wkoll bir-rabta tal-kunfidenzjalità. Tali rabta tista' tinħall biss mill-klijent jew meta dan jirrinunzja għaliha[9];

19. Illi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tagħna dwar ir-rabta tal-avukat jixhdu li dan huwa jedd ta' ħarsien favur il-klijent, u mhux it-tgawdija ta' jedd ta' eżenzjoni li wieħed ikun imġiegħel jixhed, kif jidher li huwa l-każ f'sistemi proċedurali oħrajn bħalma huwa l-każ fl-Italja[10]. B'mod pertinenti ingħad li "*The relationship of professional confidentiality covers everything a client confides in a lawyer, whatever its nature, in order to be best advised and defended. Contrary to a common misconception, the relationship of professional confidentiality is intended not to protect lawyers but to protect their clients only*"[11];

---

[7] Artt. 6A, 6B u 9 tal-Att XXIV tal-1994 (Kap 377)
[8] Art. 3(1) tal-Kap 377
[9] Kap VI, reg. 3 tal-Kodiċi tal-Etika u Mġiba għall-Avukati
[10] Art. 249 C.P.C u Cost. **25.3.1997** (Nru. 87)
[11] Stqarrija maħruġa fil-15 ta' Setembru, 2017 mis-CCBE (Council of Bars and Law Societies of Europe)

20. Il-Qorti tagħraf li llum il-ġurnata huwa miżmum li "*although originally confined to advice about litigation, legal professional privilege has long been extended to non-litigious business. The test is whether the communication or document is made confidentially for the purpose of legal advice. Those purposes have to be construed broadly. Privilege obviously attaches to a document conveying legal advice from solicitor to client and to a specific request from the client for such advice. ... Moreover, legal advice is not confined to telling the client the law; it may include advice about what should prudently and sensibly be done in the relevant legal context*"[12];

21. Taħt is-sistema proċedurali ċivili Anglo-Sassonu (li minnu jidher li nstiltu r-regoli tal-Kodiċi tagħna dwar il-mod kif jitmexxa l-proċediment quddiem qorti f'kawża[13]) huwa miżmum li "*The privilege is in all cases the privilege of the client and not of the solicitor or legal adviser and may be waived by the client but not by the solicitor or legal adviser*"[14]. Minbarra dan, "*privilege is not lost by the death of the client*"[15];

22. L-appellant jisħaq li ladarba huwa l-werriet universali ta' Mabel Strickland, it-talba tiegħu biex jitressqu bi prova d-dokumenti minnu mitluba ma tistax tinġab fix-xejn bl-"iskuża" tal-ħarsien tas-sigriet professjonali, meta issa, bħala s-suċċessur fit-titolu tagħha, dak is-sigriet huwa jedd tiegħu. Il-Qorti tqis li dan huwa l-punt fejn iż-żewġ partijiet ma jaqblu xejn. Dan għaliex

---

[12] C.A. ***Balabel vs Air India*** [1988] 2 W.L.R., 1036
[13] P de Bono Sommario della Storia della Legislazione in Malta (1897), Kap XVII, § 6, paġġ. 321 – 2; u H Harding Maltese Legal History Under British Rule (MUP 1980) paġġ. 153 – 5
[14] Civil Procedure.Rules (The White Book) §31.3.27 (paġ. 566)
[15] *Ibid.* §31.3.28 (paġ. 568)

l-appellant jargumenta li, ladarba huwa l-werriet ta' min kellu favurih il-benefiċċju tas-sigriet professjonali, issa dak il-benefiċċju għadda favurih, u jekk l-awtriċi fit-titolu tiegħu setgħet irrinunzjat għalih, hekk ukoll jista' jirrinunzja għalih hu.  Il-Fondazzjoni appellata tgħid li, mal-mewt ta' Mabel Strickland, il-benefiċċju tas-sigriet professjonali li kienet tgawdi, intemm magħha.  F'kull każ, hija tqis li din ir-rabta tista' tinħall biss mill-klijent innifsu, u l-ħall tal-istess rabta ma jistax isir minn ħaddieħor, b'mod partikolari mill-werrieta tal-klijent li jkun;

23. Il-Qorti tara li l-liġi ma tfissirx jekk il-kelma "klijent" tridx titqies fit-tifsira litterali tagħha (bħal meta, b'eżempju, l-klijent ikun persuna ġuridika) jew ukoll jekk fiha hemmx magħduda s-suċċesuri tal-klijent li jkun.  Madankollu, ingħad b'awtorità li "*legal professional privilege of a party to a claim enures for the benefit of the successor in title to that party, at any rate, where the relevant interest subsists*"[16];

24. Illi min dan wieħed għandu jifhem li ż-żamma tal-privileġġ maħluq bis-saħħa tar-rabta tas-sigriet professjonali fejn il-klijent ikun miet, tinftiehem li sseħħ ukoll għall-benefiċċju ta' min jidħol fiż-żarbun legali tiegħu;

25. Illi minbarra dan, u x'aktarx b'rilevanza mhux żgħira għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, hu stabilit ukoll li "*the only recognized exception in posthumous privilege cases is the testamentary exception. This exception applies only when privileged communications are sought in a dispute between*

[16] C.P.R. §31.3.29 (paġ. 568)

*parties who claim an interest through the same decedent, either by testate or intestate succession or by an inter vivos transaction. The justification for this exception is that oftentimes the decedent would have consented to disclosure in order to carry out his or her testamentary desires*"[17];

26. Il-Qorti tifhem li r-regoli tal-proċedura jridu jitħaddmu b'mod li jgħinu li l-każ jitmexxa b'ħaqq u bit-tiftix tas-sewwa u li t-tifsir tagħhom ikun b'mod li jgħin li jintlaħqu dawn l-għanijiet u mhux li jinżammu mistura ħwejjeġ li jkunu ta' fejda biex dawk l-għanijiet jintlaħqu. Għalhekk, dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha għandhom jinftehmu fid-dawl tal-imsemmi għan;

27. Il-Qorti għalhekk issib li d-dispożizzjoni tal-liġi dwar is-sigriet professjonali tgħodd ukoll għall-werriet tal-klijent tal-avukat. U għaldaqstant, bħalma klijent jista' jeħles lill-avukat tiegħu mir-rabta tas-sigriet professjonali, hekk ukoll jista' l-werriet/a tal-klijent. Ladarba l-appellant talab li jitressqu d-dokumenti li, f'xi żmien, setgħu kienu mħarsin bis-sigriet professjonali favur l-awtriċi fit-titolu tiegħu, dan ifisser li huwa jiġi li qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 588 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex id-dokumenti minnu mitluba u li jistgħu jinsabu fil-pussess ta' terzi jinġabu bi prova fil-kawża;

28. Il-Qorti tippreċiża li l-kundizzjoni imposta mill-ewwel Qorti dwar ir-rilevanza tad-dokumenti prodotti għall-fattispeċi tal-każ tibqa' bla mittiefsa. Ir-rilevanza tad-dokumenti mitluba għandha tkun determinata mill-ewwel Qorti,

[17] ***Swidler & Berlin and James Hamilton v. United States***, 524 U.S. 399 (1998)

skond ma jkun il-każ, u bi tħaddim tas-setgħat mogħtijin lilha mill-artikoli 560(1) u 561 tal-Kapitou 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Decide**

**29.** Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti **tilqa' l-appell** tal-attur u tirriforma l-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Ġunju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi: tikkonfermah safejn laqgħet it-talba tal-attur għall-produzzjoni ta' dokumenti msemmija, u tħassarha safejn ċaħdet it-talba tiegħu, u tordna li, konformement ma' dak deċiż f'din is-sentenza, it-talba tiegħu għall-produzzjoni tad-dokumentazjoni minnu mitluba tintlaqa'. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-kawża. **L-ispejjeż** ta' dan l-appell jitħallsu mill-Fondazzjoni intimata.

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb